Tema 2

# Niddeskrivu l-familji tagħna



**Tagħrif għall-għalliema: Din is-silta se tesponi 'l-istudenti għal lessiku li għandu x'jaqsam ma' xhur, numri u kif jissejħu qrabatna.**

**Tema 2: Niddeskrivu l-familji tagħna**

**Silta tas-smigħ:**

Alda: Fejn sejra dalgħodu ma?

Mamà: Sejra nixtri rigal għaz-zija Sina.

Alda: Mela se tagħlaq sninha?

Mamà: Iva. Se tagħmel riċeviment ġo lukanda.

Alda: Meta se jkun?

Mamà: Id-data t'għeluq snin iz-zija hi nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar imma r-riċeviment se jkun il-Ħadd 4 ta' Frar. Se jkun fit-tmienja ta' filgħaxija fil-lukanda 'Maltum' f'Tas-Sliema.

Alda: Min hu mistieden?

Mamà: Il-familja tagħna jiġifieri jien u l-papà Anton u int u oħtok Helga. Se jkun hemm iz-zija Marisa u z-ziju Paul u l-kuġini Rebecca u Steve.

Alda: In-nanniet ġejjin?

Mamà: Dażgur. In- nannu Ġanni u n-nanna Petrina ġejjin. Imma n-nannu Victor mhux ġej għax ma jiflaħx. Ġejjin ukoll xi ħbieb taz-zija. Aħjar tiġi miegħi biex tixtri rigal għaz-zija.

Alda: Issa mmur illejla għax irrid inlesti komponiment.

Mamà: Inti taf mela. Saħħa.



**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa:**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-mamà se tixtri rigal għaz-ziju Lino. | | |
| 2. | Ir-riċeviment se jkun ġo lukanda. | | |
| 3. | Id-data t'għeluq snin iz-zija hi l-Ħadd 2 ta' Frar. | | |
| 4. | Ir-riċeviment se jkun il-Ġimgħa 4 ta' Marzu. | | |

**Eż. B: Agħżel it-tweġiba t-tajba**:



1. Il-papà ta' Alda hu (Paul, Anton).
2. Oħt Alda hi (Helga, Rebecca).
3. Iz-zija Marisa u z-ziju (Steve, Paul) se jkunu r-riċeviment.
4. In-nannu (Ġanni, Victor) ma jiflaħx.
5. Ir-riċeviment se jkun hemm il-kuġini (Marisa u Steve).

**Eż. Ċ: Imla l-invit billi ssib il-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel:**

Il-familja Gatt mistiedna għar-riċeviment t'għeluq snin Sina Formosa.

**Data**: Il-Ħadd 4 ta' _______________, 2016

**Ħin**: It-_______________ ta' filgħaxija

**Post**: Il-lukanda _______________

Triq il-Ħaġar,

Tas-_______________

| | | | |
|---|---|---|---|
| tmienja | Maltum | Frar | Sliema |